PARLAMENT TA' MALTA

KUMITAT PERMANENTI DWAR L-AFFARIJIET SOĊJALI

---

# IL-VJOLENZA DOMESTIKA –
# VITTMI U SERVIZZI

---

## L-EWWEL RAPPORT TAT-12-IL LEĠISLATURA

LULJU 2014

**KONTENUT**

**1. Introduzzjoni ........ 3**

***1.1 Il-Kumitat Permanenti dwar l-Affarijiet Soċjali** ........ 3*
***1.2 Laqgħat** ........ 3*
***1.3 Skop tar-rapport** ........ 4*

**2. Is-Servizzi li jingħataw lill-vittmi ta' Vjolenza Domestika ........ 5**

***2.1 Servizzi Soċjali** ........ 5*
***2.2 Il-Pulizija** ........ 7*
***2.3 Servizzi tas-Saħħa** ........ 10*
***2.4 Residenzi** ........ 11*
***2.5 Is-Sistema Legali** ........ 14*

**3. Il-Perspettiva tal-Vittmi tal-Vjolenza Domestika ........ 16**

***3.1 Il-Perspettiva tal-Vittmi Rġiel** ........ 19*

**4. Protezzjoni Internazzjonali ........ 19**

***4.1 Il-Konvenzjoni ta' Istanbul** ........ 19*
***4.2 Ordnijiet ta' Protezzjoni** ........ 20*
***4.3*** **Intervention Centres** ........ ***20***

**5. Rakkomandazzjonijiet ........ 21**

**Referenzi........ 25**

## 1. Introduzzjoni

### *1.1 Il-Kumitat Permanenti dwar l-Affarijiet Soċjali*

Il-Kumitat Permanenti dwar l-Affarijiet Soċjali tal-Kamra tar-Rappreżentanti huwa magħmul minn 7 Membri li ġejjin miż-żewġ naħat tal-Kamra. Skont *Standing Order 120G* tal-Parlament, xogħol il-Kumitat huwa li jitratta l-materji kollha li għandhom x'jaqsmu ma' politika soċjali, inkluż assistenza soċjali u affarijiet tal-familja li jistgħu, iżda mhux neċessarjament, ikunu referuti lilu mill-Kamra jew mill-Kumitat Permanenti dwar ix-Xogħol tal-Kamra.

Il-Membri li jservu fuq dan il-Kumitat huma:

- l-Onorevoli Deborah Schembri, MP, President
- l-Onorevoli Anthony Agius Decelis, MP, Membru
- l-Onorevoli Claudette Buttigieg, MP, Membru
- l-Onorevoli Robert Cutajar, MP, Membru
- l-Onorevoli Godfrey Farrugia, MP, Membru*[1]
- l-Onorevoli Silvio Parnis, MP, Membru
- l-Onorevoli Marthese Portelli, MP, Membru

Il-Kumitat għandu s-servizzi tas-Sur Stephen Grech (Segretarju) u tal-Avukat Elaine Buttigieg Burmingham (*Research Analyst).*

### *1.2 Laqgħat*

Il-Kumitat dwar l-Affarijiet Soċjali iddedika tlettax-il laqgħa sabiex jiltaqa' ma' esperti li jaħdmu fil-qasam tal-Vjolenza Domestika. L-għan kien li l-Kumitat jifhem x'tip u xi kwalità ta' servizzi qegħdin jingħataw u jara x'tip ta' xogħol jista' jsir sabiex il-vittmi jingħataw l-aħjar servizz bl-inqas dewmien possibbli.

L-entitajiet u l-persuni li dehru quddiem il-Kumitat sabiex jagħtu preżentazzjoni u jiddiskutu dan is-suġġett kienu:

- Aġenzija Appoġġ, is-Sinj. Doreen Camilleri, is-Sinj. Sarah Debono, is-Sinj. Ruth Sciberras;
- Assoċjazzjoni għad-Drittijiet tal-Irġiel, is-Sur Charles Aquilina;
- Dar Merħba Bik, is-Sinj. Pamela Cuschieri;
- Dar Qalb ta' Ġesù, is-Sinj. Josette Stensen;
- Dipartiment tas-Saħħa, Dott. Anthony Livori;
- Fondazzjoni Drittijiet tan-Nisa, Dott. Lara Dimitrivec;
- Grupp SOAR, is-Sinj. Elaine Compagno;
- Kummissarju tal-Pulizija, Dr Peter Paul Zammit;
- Malta Girl Guides, is-Sinj. Marjoe Abela u tliet żgħażagħ li jiffurmaw parti mill-grupp;

[1] L-Onor. Godfrey Farrugia issostitwixxa lill-Onor. Etienne Grech, li kien preżenti waqt id-diskussjonijiet li saru fuq is-suġġett.

- Uffiċċju tal-Għajnuna Legali, Dott. Malcolm Mifsud;
- Victim Support Malta, Dott. Roberta Lepre;
- Vittmi tal-vjolenza domestika, is-Sinj. Simone Vassallo, Is-Sinj. Alexandra Gerada u s-Sinj. Abigail Colombo;
- Is-Sinj. Grace Gatt Ex-Pulizija u Counsellor.

Saret ukoll laqgħa informali f'Dar Qalb ta' Ġesù fejn il-Membri tal-Kumitat tkellmu ma' numru ta' vittmi li ma ħassewhomx komdi jattendu laqgħat formali tal-Kumitat.

L-Aġenzija SAPPORT kienet mistiedna peró ma attenda ħadd għal-laqgħa tal-Kumitat. Madankollu, il-Kumitat jinsab lest li jilqa' kwalunkwe suġġerimenti li jogħġobha tgħaddilu din l-Aġenzija.

Is-seduti tal-Kumitat jinstabu *online* fis-sit www.parlament.mt u wieħed jista' jisma' r-*recording* tal-laqgħat jew jaqra d-dibattiti. Kull min tkellem fil-laqgħat formali tal-Kumitat ġie nfurmat li se jiġi rrekkordjat permezz ta' *audio* jew *visual recording*.

### *1.3 Skop tar-rapport*

Fil-leġiżlatura li għaddiet, il-Kumitat iddedika numru ta' laqgħat għall-vjolenza domestika bħala suġġett ġenerali u ħareġ rapport bir-rakkomandazzjonijiet tiegħu dwar dan is-suġġett. Fl-ewwel laqgħa tal-Kumitat f'din il-leġiżlatura, ġew diskussi t-temi li xtaqu jiddiskutu l-Membri. Inħass li s-servizzi li jiġu offruti lill-vittmi ta' vjolenza domestika kellhom jingħataw importanza u preferenza minħabba n-natura sensittiva tas-suġġett. Il-Membri xtaqu jkunu jafu iktar fuq it-trawma li jgħaddu minnha l-vittmi ta' vjolenza domestika sabiex jifhmu ftit ir-realtà ta' dawn il-familji. Għaldaqstant ġew mistiedna numru ta' esperti fil-qasam tal-vjolenza domestika, fosthom numru ta' vittmi li qasmu l-esperjenza personali tagħhom. Il-Membri tal-Kumitat żaru wkoll residenza li tilqa' vittmi ta' vjolenza domestika sabiex jitkellmu magħhom f'ambjent li kien komdu u sikur għalihom.

Fil-laqgħat kollha li saru mal-esperti u mal-vittmi, il-Kumitat sema' perspettivi differenti fuq ix-xogħol li jsir fil-qasam tal-vjolenza domestika, speċjalment mingħand il-vittmi li rrakkontaw dak li għaddew minnu u kif l-istituzzjonijiet għenuhom jew naqsuhom.

Dan ir-rapport se jesplora s-servizzi li qed jiġu mogħtija lill-vittmi fl-iktar żmien ta' ħajjithom meta jħossuhom vulnerabbli u mbeżżgħin; se jagħmel analiżi tas-servizzi li jingħataw f'xi pajjiżi barranin; se jara jekk is-servizzi li qed jingħataw preżentement f'Malta humiex adegwati u fl-aħħar se jagħmel numru ta' rakkomandazzjonijiet sabiex jiġu mtejba s-servizzi li jingħataw lill-vittmi ta' vjolenza domestika.

Minħabba li s-suġġett tal-vjolenza domestika b'mod ġenerali diġa' ġie trattat f'rapport ieħor, dan ir-rapport mhuwiex se jirrepeti dak li diġa' ntqal imma se jiffoka fuq l-iżviluppi li saru, kemm lokalment kif ukoll fuq livell Ewropew u internazzjonali fil-qasam tas-servizzi għall-vittmi.

## 2. Is-Servizzi li jingħataw lill-Vittmi ta' Vjolenza Domestika

L-iktar servizzi bażiċi li jiġu bżonn il-vittmi tal-vjolenza domestika huma dawk tal-pulizija, tat-tobba, tal-ħaddiema soċjali, dawk legali u tar-residenzi. Dawn huma servizzi li ssemmew mill-vittmi stess u li dwarhom kien hemm opinjonijiet differenti. Il-Kumitat sema' dak kollu li kellhom xi jgħidu l-vittmi u wara sema' wkoll dak li kellhom xi jgħidu l-entitajiet li jipprovdu dawn is-servizzi, sabiex ikollu perspettiva bilanċjata ta' dak li qed jiġri fil-qasam tal-vjolenza domestika.

### *2.1 Servizzi Soċjali*

L-Aġenzija Appoġġ tipprovdi servizz speċjalizzat fuq vjolenza domestika u għandha numru ta' ħaddiema soċjali li jaħdmu ma' vittmi ta' din it-tip ta' vjolenza. Ir-rappreżentanti tal-Aġenzija spjegaw illi ħafna mill-vittmi li jmorru għall-għajnuna ma jkunux iridu jitilqu miż-żwieġ tagħhom – ikunu jridu biss li tieqaf il-vjolenza. Spjegaw ukoll kif vittma ma taqbadx u tiddeċiedi li tmur tirrapporta lill-aggressur jew tfittex l-għajnuna kif ġie ġie. Sabiex vittma tasal li tieħu dawn il-passi, tkun ilha ħafna ġġarrab il-vjolenza, kemm jekk fiżika u anki jekk ta' forma oħra. Ladarba tagħmel kuraġġ li tipprova toħroġ minn sitwazzjoni li ma tkunx tiflaħ għaliha iktar, ikollha bżonn l-għajnuna kollha possibbli għaliex huwa faċli mmens li taqta' qalbha u terġa' tmur lura fir-relazzjoni abbużiva li tkun ħarbet minnha jekk tibda ssib ostaklu wara l-ieħor.

Il-ħaddiema sostnew ukoll illi l-iktar perjodu ta' periklu għall-vittma huwa meta titlaq mid-dar għaliex wara li l-aggressur ikun dera jagħmel li jrid (f'ċerti każijiet l-abbuż ikun ilu għaddej għal snin sħaħ), isib ruħu affaċċjat b'sitwazzjoni fejn il-vittma ma tkunx ħallietlu l-poter kollu f'idejh u allura jaf jirreaġixxi b'mod li jkun ta' periklu għall-vittma u għal xi tfal li jista' jkun hemm.

Il-ħaddiema tad-*Domestic Violence Unit* enfasizzaw il-problemi li jaffaċċjaw il-vittmi u taw numru ta' eżempji fejn il-vittmi jsibu ħafna ostakli fis-servizzi li suppost ikunu ta' għajnuna għalihom:

- it-tfal ma jistgħux jingħataw terapija mingħajr il-firma taż-żewġ ġenituri, anki jekk wieħed minn dawn ikun l-aggressur. Ikun hemm każijiet fejn it-tfal (speċjalment dawk li jkunu adoloxxenti) ikunu fi stat ħażin ħafna u xorta waħda jibqgħu bla għajnuna minħabba l-mod ta' kif timxi s-sistema. Meta jiġri hekk il-vittmi jkomplu jiġu vittimizzati proprju għaliex riedu li huma u uliedhom jaħarbu minn relazzjoni abbużiva. Ikollhom jgħixu bir-realtà li ħarġu lil uliedhom mid-dar fejn trabbew u ma jistgħux jagħtuhom l-għajnuna li tant għandhom bżonn:

*"My child is afraid of her father, but I feel that there is nothing I can do. I feel guilty that I managed to leave my abuser and be safe, but I am not able to protect my child from him"*;
*"It-tifla tiegħi tibża' minn missierha u jien inħossni li ma nista' nagħmel xejn. Inħossni ħatja li filwaqt li jien irnexxieli naħrab minn min qed jabbużani u nħossni sikura, ma nistax nipproteġi lit-tifla tiegħi minnu."*

*"I left for my children to be safe, but where are the services for their mental health?"*

*"Jien tlaqt sabiex uliedi jkunu sikuri, imma fejn huma s-servizzi għas-saħħa mentali tagħhom?"*

- ilment li ta' spiss jissemma' huwa l-perjodu twil ta' stennija sabiex vittma jew uliedha jingħataw is-servizz tal-psikoloġi mill-Aġenzija Appoġġ. Ħafna minn dawn il-vittmi ma jkunux f'sitwazzjoni finanzjarja li tippermettilhom imorru għand psikologu privat u allura jispiċċaw jistennew żmien twil għas-servizz li toffri l-Aġenzija Appoġġ meta l-għajnuna li jkollhom bżonn tkun urġenti u immedjata.

- meta vittma titla' l-Qorti, tiġi affaċċjata bil-marixxall li joħroġ jistaqsi min se jaħfer ħalli dawk il-każijiet ikunu l-ewwel li jinstemgħu. F'din iċ-ċirkostanza l-vittma se tħoss pressjoni biex taħfer lill-aggressur anki minħabba l-fatt li dan ikun jinstab ftit metri 'l bogħod minnha u jkun qed jisma' jekk hijiex se taħfirlu jew le. Il-pressjoni tkompli tikber meta vittma tara vittmi oħrajn jaħfru – tħoss piż ikbar meta tara li hi tista' tkun l-unika waħda li tiddeċiedi li ma taħfirx. Bid-dħul fis-seħħ tal-liġi tal-vjolenza domestika, il-Qorti ngħatat il-poter li tkompli tisma' l-każ minkejja li l-vittma taħfer lill-aggressur, pero' dan ma jsirx. Il-vittma mhijiex tingħata dan it-tip ta' appoġġ mill-Qorti u t-tkomplija tal-każ qed jitħalla f'idejha. Wieħed irid jirrealizza li l-vittma tant tkun trawmatizzata u mbeżża' li jista' jkun ma jkollhiex is-saħħa li żżomm sod fid-deċiżjoni tagħha meta tkun affaċċjata b'dawn is-sitwazzjonijiet.

- vittmi li jmorru jirrapportaw il-każ tagħhom lill-pulizija ġieli jħossuhom li qed jagħmlu azzjoni ħażina lill-aggressur, minflok bil-kontra. Issemmew każijiet fejn il-pulizija qalu lill-vittmi biex jaħsbuha darbtejn qabel jagħmlu r-rapport għax jistgħu jagħmlu ħsara lill-aggressur jew iġiegħluh jitlef xogħlu. Kien hemm min wissihom ukoll li se jkissru l-familja u jħarbtu lit-tfal. Donnu ċerti pulizija ma tgħaddilhomx minn moħħhom li l-familja tkun bdiet titkisser mill-mument li bdiet il-vjolenza domestika u mhux meta l-vittma ma felħitx iktar u talbet l-għajnuna. Dawn it-tip ta' kummenti jqanqlu dubju dwar kemm il-każijiet ta' vjolenza domestika qed jittieħdu bis-serjetà, kemm dawn il-pulizija huma mħarrġa fuq is-suġġett u kemm jafu kif għandhom jirrelataw mal-vittma.

- minkejja li l-medjazzjoni suppost issir b'mod volontarju bejn żewġ partijiet li jridu jilħqu kompromess, jirriżulta li din qed tintuża wkoll f'każijiet ta' vjolenza domestika. Bħala proċedura, fil-bidu tas-sessjoni, il-medjatur jassumi rwol ta' konċiljatur u jistaqsi lill-koppja jekk iridux jirrikonċiljaw – din hi tbatija żejda għall-vittma li min jaf kemm tkun għaddiet minn affarijiet koroh sabiex tkun waslet f'dan l-istadju. Fil-Qrati Maltin, ikun hemm l-avukati tal-partijiet preżenti għall-medjazzjoni u f'xi każijiet l-attitudni tal-avukati tkompli toħloq żbilanċ fil-poter bejn il-vittma u l-aggressur.

- numru ta' vittmi jibżgħu li jekk l-aggressur jintbagħat il-ħabs, dan jibgħat lil xi ħadd biex joqtolhom jew biex jagħtihom xi xebgħa. Meta ssemmew ordnijiet ta' protezzjoni, kien hemm vittmi li qalu li għalxejn toħroġ ordni fuq l-aggressur għax din tkun tkopri lilu biss – dejjem jista' jibgħat lill-familjari tiegħu jew lil sħabu, u mbagħad huma jispiċċaw agħar milli kienu fir-relazzjoni vjolenti. Waħda mill-biżgħat kbar li jkollhom hi x'se jiġri minn uliedhom jekk jiġri xi ħaġa lilhom.

In-nisa li tkellmu mal-Kumitat fuq l-Aġenzija Appoġġ qalu li rċevew l-għajnuna li kellhom bżonn. Vittma partikolari qalet li r-raġel ma kienx iħalliha waħedha u ma kien iħalliha

tkellem lil ħadd. Wara li rnexxielha tħalli messaġġ lill-Aġenzija Appoġġ, il-ħaddiema soċjali damu erba' xhur jippruvaw jikkuntattjawha biex jgħinuha sakemm fl-aħħar sabet opportunità li tirrispondihom.

Ġie spjegat mir-rappreżentanti tal-Aġenzija Appoġġ kif l-istatistika qed tiżdied, pero' ma jfissirx li l-każijiet żdiedu b'mod drastiku. Li qed jiġri hu li vittma tmur l-għassa biex tirrapporta inċident u l-pulizija jċempel lill-aggressur li jagħti l-verżjoni tiegħu tal-fatti, inkluż li kienet il-vittma li nstigat l-inċident. Il-pulizija jispiċċa jdaħħal żewġ rapporti: wieħed tal-vittma kontra l-aggressur u ieħor tal-aggressur kontra l-vittma. Għaldaqstant meta l-każijiet jaslu biex jinstemgħu l-qorti, ikun hemm numru ta' każijiet tal-istess koppja.

L-istatistika li żżomm l-Aġenzija Appoġġ turi medja ta' 260 każ ġdid fis-sena u f'dawn l-aħħar tliet snin ma wrietx li kien hemm żieda kostanti ta' każijiet ġodda: Fl-2011 kien hemm 236 każ ġdid. Dawn żdiedu għal 300 fl-2012 pero' reġgħu naqsu għal 243 fl-2013.

### *2.2 Il-Pulizija*

Fil-maġġoranza tal-każijiet ta' vjolenza domestika, il-pulizija huma l-ewwel nies li jkollhom kuntatt mal-vittma għaliex jilqgħu r-rapporti fl-għases u fuq it-telefon.

Din is-sezzjoni tar-rapport se titratta l-problemi li huma esklussivament relatati mal-Pulizija. Numru ta' problemi oħra li huma marbuta kemm mal-Pulizija kif ukoll mas-sistema legali, se jiġu trattati fis-sezzjoni dwar is-Sistema Legali.

Il-perspettiva li għandhom il-vittmi fuq il-pulizija hija waħda varjata. Issib min jgħid li sab ħafna għajnuna mill-pulizija li sab l-għassa u ssib min jgħid li ma sab għajnuna ta' xejn, jew li saħansitra sab it-tfixkil proprju mingħand il-persuna li kellha toffrilu l-għajnuna. Vittmi oħrajn qalu li l-pulizija ppruvaw jitfgħu t-tort fuqhom. Kien hemm min qal illi lanqas biss mar jagħmel rapport għax l-aggressur tant kien magħruf mal-pulizija li żgur kienu se jaqbżu għalih. Kien hemm każijiet fejn jekk ma jsibux lil pulizija partikolari li jafu li jkun lest li jgħinhom, imorru lura d-dar bla ma jagħmlu r-rapport.

Min-naħa tiegħu, is-Sur Charles Aquilina mill-Assoċjazjoni għad-drittijiet tal-Irġiel spjega kif l-irġiel dejjem sabu għajnuna mill-Awtoritajiet, inkluż mill-Pulizija:

> "...għalkemm m'għandhomx dak it-*training* assolut, dejjem fetħulhom għajnejhom lill-sħabna l-irġiel".

> "Il-Pulizija dejjem ikkollaborat u qatt ma qaluli li l-Pulizija ma semgħux ir-rapport li riedu jagħmlu".

Waħda mill-problemi li hemm fil-korp tal-pulizija hija n-nuqqas ta' tagħlim u ta' konoxxenza tar-realtà tal-vjolenza domestika. Il-vittmi stess esprimew ix-xewqa li l-pulizija jkunu mħarrġa fl-aspett ta' vjolenza domestika għaliex minkejja li ssib uħud li jippruvaw jgħinuk kif jistgħu, il-maġġoranza tal-pulizija lanqas biss jirrealizzaw kemm il-vittmi jkunu beżgħana u minn xiex ikunu għaddejjin. F'waħda mil-laqgħat ġie rrakkuntat kif f'każ ta' vittma partikolari, irriżulta li l-pulizija li mar jinvestiga l-każ kien jaf lill-aggressur. Dan iddeċieda li

ma jieħux rapport u qal lill-vittma "u ejja, issa morru orqdu u rranġaw dawn l-affarijiet fis-sodda". Dan it-tip ta' atteġġjament mhuwiex aċċettabbli minn membru tal-korp tal-pulizija - ġiegħel lill-vittma tħossha degradata filwaqt li kompla jkissirha għaliex dan il-kliem intuża minn persuna li suppost kien qed jgħinha taħrab minn sitwazzjoni abbużiva.

Qed isir sforz biex dan in-nuqqas jiġi rrimedjat permezz ta' taħriġ u ta' kooperazzjoni mas-servizz 179. Se ssir ukoll evalwazzjoni ta' kif il-pulizija jħarsu lejn il-vjolenza domestika permezz ta' kwestjonarju li sar b'kooperazzjoni bejn il-pulizija u numru ta' entitajiet. Hekk wieħed ikun jista' jara l-livelli ta' għarfien li hemm fil-korp tal-pulizija u jara fejn hemm bżonn li jsir l-iktar xogħol.

It-taħriġ innifsu mhuwiex faċli li jingħata għaliex huwa wieħed speċjalizzat ħafna, ma jistax isir ta' malajr u jrid jilħaq mal-2,000 pulizija. Meta mistoqsi jekk hemmx il-bżonn li dan it-taħriġ jingħata lill-pulizija kollha, il-Kummissarju tal-Pulizija spjega illi ħadd ma jista' jitħalla barra għaliex l-ebda pulizija mhu eżenti milli jieħu rapport u jintervjeni f'każ ta' vjolenza domestika. Il-Kumitat min-naħa tiegħu, jemmen illi t-taħriġ jista' jibda bil-mod, billi tingħata prijorita' lil dawk il-pulizija li l-iktar jiġu affaċċjati bil-każijiet ta' vjolenza domestika.

Problema oħra li ssemmiet kemm mill-vittmi kif ukoll mill-Kummissarju stess, hija n-nuqqas ta' privatezza li jkollha vittma li tmur tagħmel rapport l-għassa. Ġie spjegat illi ħafna mill-għases jinsabu ġo djar żgħar li ma kienux maħsuba biex iservu għal dak l-iskop. Qed isir xogħol biex l-għases ikollhom kamra kwieta fejn persuna tista' tagħmel rapport. Din it-tip ta' kamra hija importanti ħafna sabiex il-vittmi jingħataw ambjent dinjituż fejn ikunu jistgħu jgħidu dak kollu li għandhom bżonn jgħidu, inklużi affarijiet personali, mingħajr il-biża' li hemm xi ħadd jissemma'. Din it-tip ta' kamra tista' tevita inċidenti li ssemmew waqt il-laqgħat tal-Kumitat, fosthom inċident partikolari ta' vittma li meta darba ħasbet li sabet surġent tal-affari tiegħu u qaltlu b'kollox, inkluż l-istupru tat-tifla tagħha, saret taf li dan fetaħ it-tieqa sabiex l-aggressur ikun jista' jisma' dak kollu li kienet qed tgħid. Uħud mill-vittmi semmew it-tbatija u l-umiljazzjoni li jgħaddu minnha meta jkollhom jagħtu d-dettalji ta' inċidenti ta' vjolenza domestika f'għassa mimlija nies, kulħadd jissemma' x'inhuma jgħidu.

Issemmiet ukoll in-nuqqas ta' informazzjoni li jingħataw il-vittmi mill-pulizija li jieħu r-rapport. Filwaqt li l-vittmi japprezzaw illi l-pulizija ma jistax jagħtihom parir legali, huma jistennew li almenu jagħtihom informazzjoni fuq x'se jiġri mir-rapport, jekk hux se jikkuntattjaw lill-aggressur u jekk dan hux se jitħalla jmur lura d-dar mal-vittma. Dan hu importanti mmens għall-vittma li waslet fl-istadju li tmur tirrapporta l-vjolenza sabiex din ma tmurx id-dar b'moħħha mistrieħ li l-aggressur se jinżamm mill-pulizija u tispiċċa ssibu ma wiċċha meta m'hemm ħadd biex jipproteġiha.

Il-kwistjoni tar-rapport tqajmet diversi drabi. Ħafna vittmi lmentaw li r-rapport tagħhom jitniżżel fuq biċċa karta li probabbli tintrema. Waħda mill-vittmi stqarret illi ma kenitx taf li tista' tilob in-numru tar-rapport – meta saret taf, irrealizzat li ħafna rapporti qatt ma saru jew tniżżlu kif deherlu l-pulizija u mhux kif irrappurtat hi. Qalet ukoll li darba affaċċjat surġent għax niżżel fatti differenti u dan irrispondiha "int mhux xorta għalik?" F'każijiet hekk il-vittmi jħossuhom *helpless* u ma jafux x'jistgħu jagħmlu iktar – jekk il-pulizija ma jaqdihomx għandhom jirrappurtawh? Jekk jirrappurtawh u jerġgħu jsibuh l-għassa x'se jiġri? Jekk ma

jsibux għajnuna mill-pulizija, x'inhu ċ-ċans li xi darba jirnexxielhom joħorġu mill-martirju li jkunu qed jgħixu fih?

Waqt il-laqgħat tal-Kumitat irriżulta wkoll illi fil-maġġoranza tal-każijiet, meta l-pulizija jieħdu r-rapport, ma jistaqsux lill-vittma jekk kienx hemm xi xhieda. Dan jista' jwassal biex il-vittma titla' l-Qorti mingħajr xhieda għaliex ma tkunx taf li għandha dan id-dritt.

Il-Kummissarju tal-Pulizija min-naħa tiegħu sostna illi kull rapport għandu jsir dak il-ħin stess u bi kliem il-persuna li tkun qed tagħmel ir-rapport, sabiex ma jitħalla xejn barra. Dan jista' jgħin ukoll aktar 'il quddiem meta l-każ ikun qed jinstema' mill-Qorti. Intqal ukoll illi qed isir studju sabiex l-għases isiru iktar *user friendly* u jkollhom sistemi kompjuterizzati li jħallu lill-persuna ddaħħal ir-rapport direttament hi.

Sadanittant, filwaqt li l-liġi tipprovdi sabiex il-vittmi jingħataw għajnuna mill-pulizija, fil-prattika din l-għajnuna hija limitata. L-ikbar limitazzjoni hi li m'hemmx *safe house* fejn il-vittmi jistgħu jingħataw kenn meta jitilqu mid-dar. Il-pulizija stess ġieli ġew affaċċjati b'sitwazzjonijiet fejn ma jsibu mkien fejn jieħdu lill-vittmi u lit-tfal tagħhom, jew l-unika alternattiva tkun li jifirdu lit-tfal.

Problema li jsibu l-pulizija hija l-fatt li l-uniku għodda li għandhom f'idejhom huwa l-arrest. Dan iservi biss biex tneħħi lil min qed jabbuża għal ftit sigħat għaliex hemm limitu ta' kemm tista' żżomm persuna taħt arrest. F'pajjiżi oħra, il-pulizija għandhom dritt legali li jinforzaw ordni ta' tneħħija fuq il-post, wara li tkun saret investigazzjoni immedjata fuq il-każ, pero' Malta għad m'hawnx din il-faċilità.

Minkejja li l-pulizija għandhom il-poter tal-arrest, f'ħafna każijiet dan il-poter ma jiġix użat. M'hemm l-ebda politika li tiggwida l-pulizija dwar meta għandhom jarrestaw persuna li allegatament tkun wettqet att ta' vjolenza domestika u allura kull membru tal-korp jiddeċiedi hu dak li għandu jagħmel. Din hi problema oħra li trid tiġi indirizzata għaliex huwa inutli li jidħlu l-miżuri ta' protezzjoni jekk dawn ma jiġux użati. Dr Roberta Lepre mill-*Victim Support Malta* esprimiet il-frustrazzjoni tagħha għall-fatt li bħala prassi ġenerali l-aggressuri ma jiġux arrestati:

> "...personalment nirrabja meta nara li jekk ikun hemm uffiċjal tal-pulizija li jiġi mhedded, il-persuna titressaq b'urġenza l-Qorti jew għax tifel seraq *handbag* jitressaq b'urġenza u mbagħad meta jkollok raġel li jħalli lill-mara tiegħu mimlija demm, jitpoġġa fil-lista mal-oħrajn! Dik lili tirrabjani u għal darb'oħra ma tirriflettix il-*policy* ta' *zero tolerance* fuq vjolenza domestika. Għal darb'oħra, l-uffiċjal tal-pulizija għandu d-diskrezzjoni li jarresta lil dik il-persuna u jiena nixtieq li dik id-diskrezzjoni tibda tiġi wżata. Il-qafas legali u l-għodda hemm qegħdin. Il-mistoqsija hi: għaliex mhux qed jiġu wżati kif suppost?"

Kien hemm ukoll numru ta' vittmi li qalu kemm il-pulizija ma joffrulhomx il-protezzjoni li jistgħu jagħtuhom u li suppost joffrulhom. Waħda mill-vittmi qalet illi ssib pulizija li meta jarawk għal numru ta' drabi ma jibqgħux jikkalkulawk – minflok jippruvaw jgħinuk għax is-sitwazzjoni qed tmur mill-ħażin għall-agħar, jarawk żejda. Qalet ukoll illi meta talbet il-protezzjoni biex tmur iġġib xi ħwejjeġ mid-dar, bdew jitrattawha qisha xi kriminal u l-ħin

kollu jgħidulha biex ma tmiss xejn u ma tieħu xejn għajr ħwejjeġ. Vittma oħra saħansitra qalet li kemm-il darba talbet protezzjoni biex tidħol id-dar imma qatt ma marru magħha u meta fl-aħħar kellha tmur waħedha, spiċċat imsakkra minn żewġha. F'każ differenti, vittma għamlet talba biex l-aggressur ineħħi l-armi mid-dar. Il-pulizija ikkuntattjawh u rriżulta li dan l-aggressur kien ħabib ta' wieħed mill-pulizija. Ir-riżultat kien li l-pulizija ċempel lill-mara u qalilha li ma kienx hemm għalfejn jitneħħew l-armi għax ir-raġel ma kienx se jużahom. Il-vittma ma ngħatat l-ebda protezzjoni. Vittma oħra qalet:

> *"There were his drugs on the bedside table too and the police chose to disregard it. How can I and my child feel safe when not even the police are doing their job? Didn't they see that my child was in danger?"*
> *"Kien hemm id-drogi tiegħu fuq il-komodina u l-pulizija għażlu li jinjorawhom. Jekk il-pulizija mhux qed jagħmlu xogħolhom, jien u uliedi kif nistgħu nħossuna sikuri? Ma rrealizawx li t-tifel/tifla tiegħi kien fil-periklu?"*

Dan in-nuqqas ta' fiduċja esprimietu vittma oħra li qalet: *"I didn't report after the 4th time. By then I lost all trust in the police". "Wara r-raba' darba ma bqajtx nirrapporta. Kont tlift il-fiduċja kollha fil-pulizija."*

Minkejja t-tibdil li sar bil-liġi dwar il-vjolenza domestika, għad hemm pulizija li għadhom jibagħtu lill-vittmi biex jagħmlu kwerela għand l-avukat. Il-kwerela m'għandhiex tintalab jekk ma jkun hemm bżonnha.

Wara li jittieħed ir-rapport, il-pulizija għandhom sitt xhur ċans biex joħorġu c-*charges* kontra l-aggressur. Hemm tendenza li l-pulizija joħorġu bir-riferti fir-raba' jew fil-ħames xahar u dan jagħti inqas ċans li l-aggressur jiġi notifikat - jekk l-aggressur ma jinstabx, dakinhar li jinstema' l-każ se jkun hemm riferta negattiva. Barra minn hekk, wieħed irid jikkunsidra li iktar ma jdumu ma joħorġu c-*charges*, iktar se jdum ma jinstema' l-każ. Għaldaqstant se jkun hemm perjodu ta' żmien fejn l-aggressur se jħoss li l-id tal-liġi mhux se tilħqu, filwaqt li l-vittma se tkompli tbati atti ta' vjolenza domestika u nuqqas ta' protezzjoni mill-awtoritajiet.

Fir-rigward tal-istatistika, il-pożizzjoni mogħtija mill-Korp tal-Pulizija taqbel ma' dak li qalet l-Aġenzija Appoġġ; minkejja li għand il-pulizija jaslu numru kbir ta' rapporti, jista' jagħti l-każ li fuq l-istess inċident ikun hemm iktar minn rapport wieħed u għaldaqstant l-istatistika mhux dejjem tagħti stampa eżatta tal-fatti.

### *2.3 Servizzi tas-Saħħa*

Id-Dipartiment tas-Saħħa m'għandux politika dwar kif il-ħaddiema fiċ-ċentri tas-saħħa għandhom jitrattaw vittmi ta' vjolenza domestika. Ħafna drabi, is-servizz li jiġi offrut lill-vittma jiddependi mit-tabib u mill-ħaddiema li tinzerta u kif dawn jidhrilhom li għandhom jitrattaw il-każ.

Meta tabib jissuspetta li każ li jkun inġieb għall-attenzjoni tiegħu ikun wieħed ta' vjolenza domestika, anke jekk il-pazjent jibqa' jsostni li l-ġrieħi saru b'waqgħa jew b'inċident ieħor, m'għandu l-ebda politika li tiggwidah fuq kif għandu jaġixxi u jkollu jaħdem skont il-kuxjenza

tiegħu u l-kooperazzjoni tal-pazjent. Huwa t-tabib partikolari li jiddeċiedi jekk jirreferix lill-pazjent għal servizzi oħrajn. Huwa wkoll limitat fl-informazzjoni li jista' jniżżel fiċ-ċertifikat mediku – jista' jgħid biss x'evidenza fiżika qed jara.

Huwa importanti mmens li tabib ikun kapaċi jidentifika ġrieħi li saru minn att vjolenti, sabiex ikun jista' joffri l-għajnuna meħtieġa lill-vittma u anki għaliex dak li jitniżżel fl-att ta' akkuża jkun jiddependi minn dak li jniżżel hu fiċ-ċertifikat mediku.

Wara li persuna ssofri xi ġrieħi minn abbuż, huwa prudenti li tiġi nvistata minn tabib taċ-ċentru tas-saħħa – dan għaliex it-tabib personali tagħha jista' jiġi akkużat b'kunflitt ta' interess minħabba li jkun ilu jafha u jitrattaha. F'każijiet bħal dawn, tabib taċ-ċentru tas-saħħa huwa imparzjali u jista' jitratta liż-żewġ partijiet mingħajr diffikultà. Minħabba l-fatt li ħafna vittmi jmorru fiċ-ċentri tas-saħħa, huwa importanti li kemm it-tobba u anki l-istaff ikunu sensittivi għal dawn il-każijiet u mhux jagħmlu l-ħajja iktar diffiċli għall-vittmi li jkunu għaddew minn biżżejjed tbatija biex fl-aħħar jiddeċiedu li jmorru għand it-tabib.

F'każ li jkun hemm abbuż sesswali, il-vittma ma tingħatax servizz ta' tabib tal-familja iżda tintbagħat għas-servizzi tal-ġinekoloġija sabiex tiġi preservata kwalunkwe evidenza li jkun hemm waqt li l-vittma tiġi invistata.

F'Marzu tal-2014 tnieda servizz ġdid fl-isptar Mater Dei – *Sexual Assault Response Team* – magħruf bħala SART. Dan is-servizz li sar permezz ta' *public-social partnership* mal-*Victim Support Malta*, għandu tim multi-dixxiplinarju *on call* li jinkludi tabib, infermier, ħaddiem soċjali, pulizija, psikologu u *counsellor*. Dawn il-professjonisti qegħdin joffru s-servizzi tagħhom lill-vittmi ta' abbuż sesswali sabiex dawn jingħataw servizz ħolistiku u mhux iduru minn naħa għal oħra biex jieħdu l-għajnuna li jkollhom bżonn. Dan it-tip ta' servizz jgħin biex inaqqas it-trawma lill-vittmi li diġa' jkunu mkissra b'dak kollu li jkunu għaddew minnu. Ħafna vittmi jkunu ilhom snin sħaħ isofru minn abbuż sesswali fiż-żwieġ tagħhom u meta fl-aħħar jirnexxielhom jagħmlu l-kuraġġ u jitolbu l-għajnuna, huwa importanti mmens li din l-għajnuna tingħata bl-aħjar mod possibbli u mhux b'mod li taqtagħlhom qalbhom. Fl-ewwel xahar mit-tnedija tas-servizz kien hemm sitt persuni li talbu l-għajnuna tas-SART. Din l-għajnuna tista' tintalab billi l-vittmi jikkuntattjaw lil *Victim Support Malta* jew billi jmorru direttament l-Isptar Mater Dei.

## *2.4 Residenzi*

Mara u uliedha li jkunu vittmi ta' vjolenza domestika u li jkollhom bżonn post fejn joqogħdu, jiġu riferuti f'xelter ta' emerġenza bħalma huma Dar Merħba Bik u Għabex. Fil-ftit xhur li jdumu f'dawn ix-xelters il-vittmi jaħdmu fuq punti ta' sigurtà, u jiddeċiedu jekk hux se jmorru lura mas-sieħeb tagħhom jew hux se jkomplu bil-proċess ta' separazzjoni. Jekk jiddeċiedu li jibqgħu għaddejjin bil-proċeduri ta' separazzjoni, jiġu riferuti f'Dar Qalb ta' Ġesu' li huwa *second stage shelter*. Hemm Dar Tereża Spinelli li wkoll tilqa' dawn il-vittmi pero' ma taħdimx esklussivament magħhom.

Ikun hemm każijiet ta' vittmi li joħoġu mid-dar għal iktar minn darba – kull darba jmorru ġo xelter, għal xi raġuni jaqtgħu qalbhom u jerġgħu jmorru lura d-dar. F'każijiet hekk it-trawma tkun ikbar u jista' jkun ukoll li l-każ ikompli jiggrava. Il-bżonnijiet ukoll ikunu differenti u jafu

jiżdiedu minn darba għal oħra. Ħafna vittmi jkollhom bżonn għajnuna psikoloġika u hawnhekk ġieli jeħlu għaliex ikun hemm perjodu ta' stennija. Kif issemma' fil-bidu tar-rapport, problema kbira li jsibu ċertu vittmi hi li ma jistgħux jagħtu għajnuna psikoloġika lil uliedhom mingħajr il-kunsens tal-aggressur. Hemm każijiet ta' tfal u adoloxxenti li jkunu suwiċidali u xorta ma jistgħux jingħataw l-għajnuna. Dawn iċ-ċirkostanzi jkomplu jkissru lill-vittma għax iġiegħluha tħossha ħatja li meta telqet mid-dar ġabet dan l-inkwiet kollu fuq uliedha. F'dawn il-każijiet il-vittma trid tingħata ħafna sapport biex tirrealizza li dan kollu mhuwiex tort tagħha u li hi vittma daqs kemm huma vittmi uliedha.

Dan ġie sostnut anki mill-*Malta Girl Guides*, li spjegaw kif huma jaħdmu mad-Dar Qalb ta' Ġesu' u li r-residenti jgħidulhom li jrid ikollhom "ċertu *guts* biex tasal li tirrapporta u li kważi trid tippjana l-ħarba tiegħek mid-dar, speċjalment bit-tfal u li *it takes years* biex ikollok il-kuraġġ li tagħmel hekk". Waħda mill-*Girl Guides* spjegat li dawn il-vittmi jkollhom bżonn ħafna sapport biex joħorġu mis-sitwazzjoni li jkunu fiha għax jekk jirrapportaw lill-pulizija u jerġgħu jmorru d-dar se jispiċċaw jerġgħu jaqilgħu xebgħa oħra.

Il-programm ta' Dar Qalb ta' Ġesu' jdum 18-il xhar. Matul dan iż-żmien il-vittma tibni relazzjoni mal-ħaddiema tax-xelter, tingħata għajnuna relatata mal-abbuż li tkun għaddiet minnu u tiġi megħjuna wkoll fl-aspett ta' xogħol, akkomodazzjoni, sapport legali, u kull ma jkollha bżonn sakemm tkun lesta terġa' lura fis-soċjetà. Huwa importanti li kemm jista' jkun, vittma ma tibqax ġo xelter għal iktar minn 18-il xahar għax inkella tibda ssir dipendenti fuq is-servizz u ma tkunx tista' tkompli ħajjitha b'mod indipendenti. Raġuni oħra għaliex irid jiġi osservat il-perjodu ta' 18-il xahar huwa l-fatt li jkunu jridu jidħlu vittmi oħrajn li jkunu fix-xelter ta' emerġenza. Din hija katina u jekk ma jkunx hemm post fis-*second stage shelter*, lanqas se jkun hemm post għal vittmi ġodda fix-xelter ta' emerġenza.

Matul is-snin li ilhom jaħdmu mal-vittmi ta' vjolenza domestika, il-ħaddiema f'dawn ix-xelters semgħu ħafna lmenti mingħand il-vittmi dwar servizzi li ma jingħatawx kif suppost. Fost dawn l-ilmenti dejjem tissemma' l-imġieba ta' ċertu pulizija u l-mod ta' kif jitrattaw lill-mara li tmur tagħmel rapport. Isiru ħafna lmenti fuq is-sistema legali fejn ħafna nisa jħossuhom mitlufin u frustrati għaliex ma jingħatawx l-informazzjoni meħtieġa. Kien hemm każijiet fejn il-vittmi ġew akkumpanjati mill-ħaddiema soċjali u l-istess ħaddiema soċjali tistqarr li l-laqgħa kienet pjuttost mgħaġġla u li anki hi ħassitha intimidata. Huwa importanti li l-avukati li joffru dan is-servizz jirrealizzaw li ħafna minn dawn il-vittmi jitilqu mid-dar b'ta' fuqhom senduqhom. Jekk is-servizz li se jingħataw ikun wieħed medjokri jew ta' malajr, huwa faċli mmens li jaqtgħu qalbhom u ma jifdlilhom l-ebda mod ta' kif jaħarbu mis-sitwazzjoni abbużiva li jkunu jinsabu fiha.

Ostaklu ieħor li jaffaċċjaw il-vittmi huwa l-impjieg. Ħafna vittmi qatt ma jkunu ħadmu għax dejjem kienu dipendenti fuq l-aggressur. Dar Qalb ta' Ġesu' tagħmel kuntatt ma' *employment advisor* li jkellem lil kull vittma u jara x'taħriġ ikollha bżonn u x'opportunitajiet ikun hemm għaliha. Ix-xelter jenfasizza ħafna li l-vittmi jsibu mpjieg pero' hemm każijiet, fejn il-vittmi jkollhom tfal żgħar, li jkun diffiċli ħafna biex jinstab xogħol addattat. Vittma partikolari qalet li mingħajr *childcare* ma tistax taħdem:

*"Seems like I'm destined to struggle until the children are old enough to stay at home alone"*[2].
*Donnu jien destinata li nibqa' niġġieled sakemm it-tfal ikunu kibru biżżejjed biex jibqgħu d-dar waħedhom.*

Ix-xelter jipprova jagħmel l-arranġamenti kollha possibbli biex il-vittmi joħorġu jaħdmu, inkluż li t-tfal jiddaħħlu ġo ċentri ta' matul il-jum u saħansitra li jinfetaħ ċentru ġor-residenza stess. Qar Qalb ta' Ġesù għandhom ċentru ta' matul il-jum armat u lest biex jilqa' t-tfal pero' m'għandhomx finanzi biex jiftħuħ u biex ikopru l-ispejjeż ta' kuljum. Li kieku dan iċ-ċentru jista' jiftaħ, ir-residenti ta' Qar Qalb ta' Ġesù u ta' djar oħra fil-viċinanzi jkunu jistgħu jagħmlu użu minnu u joħorġu jaħdmu b'moħħhom mistrieħ li t-tfal tagħhom qegħdin f'post sikur. Hemm bżonn li dawn it-tip ta' ostakli jiġu sorvolati jekk verament irridu ngħinu lil dawn il-vittmi biex iqumu fuq tagħhom u jerġgħu jibdew jgħixu ħajjithom bid-dinjità li ħaqqhom.

Kien hemm vittmi li lmentaw li minkejja li jixtiequ jaħdmu, is-sistema donnha qed timbuttahom lura biex jibqgħu d-dar u din is-sitwazzjoni qed tiffrustrahom għax mhux qed tħallihom jerġgħu jibnu ħajjithom:

*"It's ridiculous. I want to work, but if I work 20 hours I earn 400 euros. If I stay at home, I get 400 euros. I cannot work more hours, so I might as well stay at home. That is what the system is telling me to do"*[3].
*"Din hija redikola. Jien irrid naħdem imma jekk naħdem 20 siegħa se naqla' 400 ewro. Jekk noqgħod id-dar, nieħu 400 ewro xorta. Jien ma nistax naħdem aktar sigħat, mela allura nista' nibqa' id-dar. Hekk qed tgħidli biex nagħmel is-sistema."*

Problema riċenti li qed jiġu affaċċjati biha x-xelters hi l-akkomodazzjoni għal adoloxxenti li jkunu vittmi ta' abbuż. Dar Qalb ta' Ġesù mhijiex f'pożizzjoni li toffrilhom is-servizz tagħha minħabba l-ommijiet u t-tfal li jkollha jgħixu fir-residenza. Dar Merħba Bik ippruvaw joffru dan is-servizz u ma rnexxilhomx għaliex kellhom etajiet li jvarjaw wisq. Hemm bżonn li jsir programm speċjalizzat għal dawn l-adoloxxenti li qed ibatu minn dan it-tip ta' abbuż u li għandhom bżonn ta' ħafna għajnuna.

Ta' min wieħed isemmi wkoll il-fatt li x-xelters m'għandhomx *security guard* u dan jista' jwassal għal inċidenti meta l-aggressuri jippruvaw ifittxu lill-vittmi li jkunu sabu kenn hemmhekk. Għalkemm il-post eżatt ta' fejn jinstabu x-xelters ma jiġix imxandar, l-aggressuri xorta waħda jsiru jafu fejn qegħdin il-vittmi. Ix-xelters ma jaqbdux u jiftħu lil kull min iħabbat il-bieb pero' jekk l-aggressur idaħħalha f'rasu li jrid jidħol, is-sitwazzjoni tista' teskala u l-vittmi jispiċċaw jitilfu s-sens ta' paċi u sigurtà li jkunu rabbew meta jkunu daħlu fix-xelter.

[2] Il-Kumitat jinnota illi minn mindu nbeda x-xogħol fuq dan ir-rapport, is-servizz ta' *childcare* f'każ ta' ommijiet li jixtiequ jaħdmu qed jiġi provdut b'xejn u dan l-iżvilupp jista' jkun ta' għajnuna għal vittmi li sal-lum ma kinux qed jaħdmu minħabba li ma setgħux iħallsu servizz ta' *childcare*.
[3] Fil-Baġit tal-2014 ġie mħabbar illi persuni li jkunu ilhom sentejn jirreġistraw għax-xogħol se jkunu jistgħu jaħdmu mingħajr ma jitilfu l-benefiċċji kollha f'daqqa. Il-benefiċċji se jinqatgħu fuq medda ta' żmien sabiex ikun hemm transizzjoni iktar faċli għad-dinja tax-xogħol. Dan l-iżvilupp jista' jippermetti lil xi vittmi li jidħlu fid-dinja tax-xogħol mingħajr ma jitilfu l-benefiċċji li jkunu intitolati għalihom hekk kif jibdew l-impjiegt tagħhom.

## *2.5 Is-Sistema Legali*

Ħafna vittmi ta' vjolenza domestika ma jkollhomx mezzi finanzjarji sabiex jibdew proċeduri legali u għalhekk ikollhom jirrikorru għall-għajnuna legali. Sabiex jingħataw dan is-servizz iridu jkunu jaqilgħu inqas mill-paga minima u ma jkollhomx iktar minn €7,000 f'assi. Dan l-ammont ma jinkludix assi li huma parti mill-kawża bħal pereżempju d-dar matrimonjali.

L-uffiċċju tal-għajnuna legali spjega illi din l-għajnuna tingħata fi żmien jumejn jew tlieta. Il-vittma tingħata d-dettalji tal-avukat li jkun se jieħu ħsieb il-każ tagħha u mbagħad tkun trid tagħmel kuntatt miegħu hi. M'hemm l-ebda linji gwida li jirregolaw is-servizz li jingħata mill-avukati tal-għajnuna legali u jekk persuna ma tkunx kuntenta bis-servizz li tkun qed tingħata m'hemmx *complaints procedure* – il-klijent jista' biss jikkuntattja lill-Kamra tal-Avukati jew lill-Kummissjoni.

Hemm sistema, imsejħa 'tal-elenku' fejn hemm numru ta' avukati li jieħdu x-xogħol permezz ta' roster. Kull ġurnata jkun hemm avukat tal-għajnuna legali u l-każijiet kollha li jidħlu f'dik il-ġurnata jiġu assenjati lilu. Dawn l-avukati jitħallsu madwar €200 fix-xahar biex jieħdu ħsieb il-każijiet kollha li jingħataw fil-ġranet li jkunu tal-għassa.

Ġie spjegat kif filwaqt li f'kawża kriminali l-akkużat jingħata l-għajnuna legali anki jekk ma jafx li għandu dritt għaliha, il-vittma li tkun *parte civile*, trid tagħmel talba hi stess biex tingħata din l-għajnuna[4]. Jekk ma tkunx taf b'dan id-dritt u ma tagħmilx it-talba, tibqa' mingħajr assistenza legali. Ingħad ukoll li f'każijiet sommarji l-vittma lanqas ikollha ċans li tikkonsulta mal-avukat sakemm il-kawża ma tiġix differita.

Kif issemma' iktar 'il fuq f'dan ir-rapport, il-vittmi spiss jgħidu li s-servizz tal-għajnuna legali ma tantx qed jagħtihom sapport. Ħafna minn dawn il-vittmi m'għandhomx il-mezzi biex iħallsu avukat privat u għalhekk ikollhom jirrikorru għall-għajnuna legali. Dawn qed jispiċċaw imorru jkellmu l-avukat tal-għajnuna legali u ġieli joħorġu mil-laqgħa bla ebda informazzjoni. Issemmew każijiet fejn il-vittma ma jirnexxilhiex tikkuntattja l-avukat – dejjem jgħidulha li se jċemplilha lura u qatt ma tiġi kkuntattjata. Oħrajn jgħidu li meta jiltaqgħu mal-avukat jaqtgħalhom fil-qasir u ma jispjegalhomx x'ikun se jiġri. Kien hemm min saħansitra qal li m'għandux idea x'inhu jiġi diskuss fil-kuntratt ta' separazzjoni u qatt ma ngħata kopja tal-kuntratt minkejja li l-aggressur ingħata kopja.

L-uffiċċju tal-għajnuna legali saħaq illi għandu jkun hemm uffiċċju b'numru ta' avukati li jaħdmu *full time*. Għandu jkun hemm ukoll aktar skrutinju biex jitnaqqsu każijiet ta' abbuż biex l-għajnuna legali tingħata lil min veru għandu bżonnha.

Rigward il-każijiet ta' medjazzjoni, ġie spjegat illi meta jsir qbil waqt is-sessjonijiet, il-koppja jkunu jridu jmorru għand nutar u dan irid jitħallas minnhom. F'każ li l-vittma ma tistax tħallas, bilfors tkun trid issir kawża għaliex l-Istat ma joffrix servizz ta' nutar tal-għajnuna legali. Din hija problema serja għaliex qed ikun hawn vittmi li m'għandhomx finanzi biex jgħixu, aħseb u ara biex iħallsu n-nutar – dawn qed ikunu mġiegħla mis-sistema li jiftħu kawża l-Qorti u li ma jaslux għal separazzjoni b'mod bonarju. Filwaqt li s-sistema ta'

[4] L-għajnuna legali għall-*parte civile* mhijiex imniżżla fil-Kodiċi għall-Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili, pero' meta tintalab, ġeneralment tiġi provduta.

medjazzjoni hija kontra li jsiru sessjonijiet bejn l-aggressur u l-vittma minħabba l-iżbilanċ fil-poter, lanqas hu sew illi koppja tiġi mġiegħla tiftaħ kawża sempliċiment għax ma tistax tħallas l-ispejjeż tan-nutar.

Il-grupp SOAR, min-naħa tiegħu spjega kif f'każi ta' vjolenza domestika, dak li jiġi deċiż bejn il-koppja waqt il-medjazzjoni mhux neċessarjament ikun qed jirrifletti dak li tixtieq il-vittma. Ħafna drabi l-vittma iċċedi ħafna affarijiet minħabba l-biża' li jkollha, minħabba li tkun trid toħroġ minn dik il-kamra fejn tkun magħluqa mal-aggressur, u minħabba li tkun trid li jgħaddi kollox ħalli terġa' tipprova tibda tgħix. Il-vittmi nfushom spjegaw il-biża' li jħossu meta jkunu magħluqin ġo kamra żgħira mingħajr tieqa mal-iktar persuna li jibżgħu minnha u jridu jiddiskutu ż-żwieġ tagħhom – tennew li hu ovvju li se jħalluh jieħu kollox għax jibżgħu minnu:

> "x'ħin il-mara se tmur quddiem il-medjatur, se ddur fuq ir-raġel u se tgħidlu li jista' jieħu kollox minbarra t-tfal. Hekk se tgħidlu! "Ħu d-dar u ħu kollox imma ħallili t-tfal"".

Dan il-grupp enfasizza l-fatt illi f'dawn il-każijiet ikun hemm żbilanċ ta' poter bejn il-partijiet u li allura l-medjatur irid ikun kapaċi jagħraf aggressur li juża dan l-iżbilanċ biex jimmanipula s-sitwazzjoni favurih.

Hemm diversi problemi li huma relatati mal-kawżi tal-Qorti. Din il-parti tar-rapport se titratta kwistjonijiet li huma relatati speċifikament mal-Qorti kif ukoll kwistjonijiet relatati mad-doveri tal-Pulizija fi ħdan is-sistema legali.

Problema prattika hija n-nuqqas ta' *security guards* jew pulizija fil-bini tal-Qorti tal-Familja. Ikun hemm *security guard* fit-tielet sular, ħdejn il-medjaturi pero' l-bqija ma jkunx hemm sigurtà. Dan jirriżulta fi stanzi fejn nies li jkunu qed jistennew li tissejjaħ il-kawża tagħhom jew oħrajn li jkunu ħarġu mill-awla, jiġġieldu u anki jiġu msawta fil-bini tal-Qorti.

Problemi oħrajn jinkludu li:

- meta jsir rikors *pendente lite* għal kura u kustodja, aċċess jew manteniment, mhux l-imħallfin kollha jagħmlu seduta qabel ma jagħtu d-deċiżjoni tagħhom u għaldaqstant ikun hemm każijiet fejn l-Imħallef jieħu d-deċiżjoni tiegħu mingħajr ma jisma' lill-partijiet;
- il-vittma ma tingħatax kopja tal-att tal-akkuża u allura l-avukat tagħha ma jkunx jista' jipprepara ruħu għall-kawża. Barra minn hekk, il-vittma jaf ikollha iktar minn kawża waħda għax tkun irrappurtat iktar minn inċident wieħed. Jekk ma tingħatax il-kopja tal-att tal-akkuża, tispiċċa titla' l-Qorti mingħajr ma tkun taf fuq liema każ se titkellem. Wieħed irid japrezza illi l-vittma diġa' tkun mbeżża' li se tixhed kontra l-aggressur u ħafna drabi ma tkunx familjari mal-Qrati. Il-fatt li din ma tafx fuq liema inċident se tixhed, tkompli tqiegħda fi żvantaġġ għax x'ħin tkun fl-awla u ssir taf il-kawża fuq xiex inhi, jaf ma tkunx tista' tiftakar id-dettalji ta' dak l-inċident partikolari. Il-fatt li l-vittma ma tingħatax kopja tal-att tal-akkuża jista' jwassal ukoll għal sitwazzjoni fejn ikun hemm żball fl-istess att ta' akkuża u l-vittma ma jkollhiex opportunità li tirranġah.

- ħafna każijiet fil-Qorti Kriminali qed ikollhom problemi bil-preskrizzjoni għaliex l-aggressur ma jiġix notifikat. Hemm bżonn li l-pulizija jikkooperaw iktar mal-vittmi biex jirnexxielhom jinnotifikaw lill-aggressur għaliex ħafna drabi dawn ikunu jafu kif tkun imqassma l-ġurnata tal-aggressur u jistgħu jgħidu lill-pulizija fejn għandhom imorru bin-notifika.
- għandna sitwazzjoni fejn il-koppja jispiċċaw jirrappurtaw lil xulxin u allura l-każijiet jinstemgħu flimkien. Dawn jispiċċaw jaħfru lil xulxin għaliex il-vittma ma tkunx trid tirriskja li l-kawża tinqata' kontriha u ssir "kriminali" meta fil-verità hi tkun il-vittma.

Fil-laqgħa li l-Kumitat kellu mal-Victim Support Malta ġie spjegat illi minkejja li għandna qafas legali biex jipproteġi lill-vittmi, dan mhuwiex qed jiġi implimentat b'mod adegwat, inkluż il-fatt li ma tantx joħorġu *restraining orders* u *protection orders.*

Issemma wkoll il-fatt li l-pulizija għandha l-fakultà li tressaq l-aggressur il-Qorti b'urġenza pero' il-każijiet fejn dan fil-fatt isir huma ftit. Is-soluzzjoni għal din il-problema tista' tkun *risk assessment tool* biex jiġu identifikati każijiet gravi – f'każ gravi l-aggressur jitressaq il-Qorti b'urġenza u jiskattaw il-miżuri li jkun hemm bżonn u li huma utli biss meta jintużaw fil-ħin.

Problema oħra li ssemmiet hija d-diskrezzjoni tal-Qorti dwar jekk tkomplix tisma' l-każ meta l-vittma taħfer lill-aggressur:

> "Din hija xi ħaġa li tismagħha b'mod regolari min-naħa tal-pulizija, fejn dawn jgħidulek li wara x-xogħol li jkunu ħadu biex iressqu t-tali persuna, il-vittma titla' l-Qorti u taħfrilha. B'hekk, ħafna drabi li jiġri hu li l-Qorti tiddikjara l-proċediment eżawrit u ma tkomplix tisma' l-każ".

Idealment, fejn ikun hemm evidenza b'saħħitha, il-Qorti għandha tkompli tisma' l-każ minkejja l-maħfra tal-vittma, li jaf tkun saret sforz biża', pressjoni, jew nuqqas ta' fiduċja fis-sistema minħabba dewmien. Dr Roberta Lepre sostniet ix-xewqa illi l-Qorti tibqa' tisma' l-każ bħala forma ta' prevenzjoni:

> "... il-Qorti xorta tibqa' tisma' l-każ biex jekk ikun hemm lok li tordna pereżempju *treatment order*, dan toħorġu. Illum il-Qorti tista' tibgħat il-*perpetrators* għat-trattament. Din hija forma ta' prevenzjoni biex kemm jista' jkun lil dak il-*perpetrator* ma nerġgħux narawh quddiem il-Qorti u allura juża r-riżorsi tal-Istat, tal-pulizija, tal-qrati, tas-*social workers* eċċ. Naħseb li anke mil-lat finanzjarju jagħmel sens li dak il-każ ikompli jinstema'".

**<u>3. Il-Perspettiva tal-Vittmi tal-Vjolenza Domestika</u>**

Il-Kumitat dwar l-Affarijiet Soċjali ltaqa' mal-ko-ordinatriċi tal-Grupp SOAR li huwa grupp ta' sapport magħmul minn nisa li kienu vittmi ta' vjolenza domestika u li allura jistgħu jifhmu lil xulxin għax huma stess għaddew minn xi tip ta' abbuż.

Dan il-grupp kien f'pożizzjoni li jwassal l-ilmenti u l-problemi l-iktar komuni li jiltaqgħu magħhom il-vittmi ta' vjolenza domestika, mingħand il-vittmi stess.

Waqt il-preżentazzjoni tqajmu diversi punti, fosthom uħud li diġa' ssemmew iktar 'il fuq f'dan ir-rapport. Kien hemm qbil fuq il-problemi li hemm fis-servizz tal-għajnuna legali, id-dewmien fil-proċeduri legali u n-nuqqas ta' privatezza fl-għases tal-pulizija, inkluż il-fatt inaċċettabbli li l-vittma trid tagħti rendikont tal-inċident quddiem it-tfal.

Ġie enfasizzat il-punt illi preżentement hija l-vittma li jkollha toħroġ mid-dar u li din hi parti mit-trawma tal-vittma u tat-tfal. Fl-eventwalità li jibda jinħareġ l-aggressur mid-dar, jistgħu jiġu evitati ħafna problemi ta' *housing*, ta' sigurtà, u ta' xelters li ma jistgħux jakkomodaw iktar nies. Bis-sitwazzjoni preżenti, il-vittma ma jkollha l-ebda alternattiva ħlief li titlaq sabiex tipproteġi ruħha mill-aggressur:

> *"I wasn't allowed to change the lock on our home because the property was half his. How am I supposed to be safe now when he comes and goes as he pleases even at night?"*
> *"Ma ngħatajtx permess biex inbiddel is-serratura tad-dar tagħna għax il-proprjetà kienet nofsha tiegħu. Kif nista' inħossni sikura meta hu jista' jidħol u joħroġ x'ħin ifettillu, anke matul il-lejl?"*

Il-vittmi ta' vjolenza domestika jkunu jixtiequ li jżommu d-dinjità tagħhom u jkomplu għaddejjin b'ħajjithom pero' hemm bżonn li jsibu l-għajnuna kollha li jkollhom bżonn biex jagħmlu dan. Hemm proċeduri li għandhom bżonn jinbidlu biex ċertu għajnuna tkun tista' tingħata għaliex vittma ta' vjolenza domestika ma tistax tiġi trattata bħal kull persuna oħra li għaddejja minn proċess ta' separazzjoni minħabba ċ-ċirkostanzi partikolari tagħha:

> *"I've been waiting for housing for 5 years. They won't process my request because half the house he lives in is in my name. So the choices are to rent, or go back. I cannot afford more court cases".*
> *"Ilni nistenna għall-akkomodazzjoni soċjali ħames snin. Ma jridux jipproċessaw ir-rikjesta tiegħi għax nofs id-dar li jgħix fiha hu qiegħda f'ismi. Mela l-għażliet tiegħi huma li nikri jew li mmur lura. Ma niflaħx għal aktar kawżi fil-qorti."*

Huwa minnu li ħafna vittmi jsibu l-għajnuna mix-xelters, pero' din l-għajnuna hi temporanja u se jasal iż-żmien meta dawn ikollhom ifendu għal rashom. Waħda mill-problemi li jaffaċċjaw hi proprja l-biża' tal-ħsara li qed jagħmlu lil uliedhom meta jimxu minn post għal ieħor:

> *"I ask myself, is all this moving around good for the children? It's a shock every time".*
> *"Nistaqsi lili nnifsi, dan iċ-ċaqliq kollu minn post għal ieħor qiegħed jagħmel ġid lit-tfal? Huwa xokk kull darba għalihom."*

Wieħed irid japprezza li mhux kull vittma tista' tmur taħdem biex ikollha l-flus għall-kera sabiex issib post fejn toqgħod. Allura x'alternattiva qed ikollhom dawn il-vittmi? Is-sistema qed tgħid lil uħud minnhom li huma destinati għal ħajja vittimizzata għax ħadd ma jista' jgħinhom? Numru ta' vittmi wrew id-dispjaċir u d-dispramament tagħhom għall-mod ta' kif qed jaħdmu s-sistemi ta' sapport:

*"I feel victimized over and over again, this time by the system". "Inħossni vittimizzata ripetutament, din id-darba mis-sistema."*

*"The form for rental subsidy was this thick! It's like it is designed to put me off applying. I am tired and mentally drained. These obstacles do not help." "Il-formola tas-sussidju fuq il-kera kien fiha daqshekk! Qisu ġiet magħmulha apposta biex taqtagħli qalbi milli napplika. Ninsab għajjiena u mniffxa mentalment. Dawn l-ostakli ma jgħinu xejn."*

*"At the moment of crisis, I was not thinking, I was completely confused and in disbelief. Do these people know what that feels like? I did not find the support in my hour of need". "Fil-mument ta' kriżi, ma kontx qiegħda naħseb għax kont kompletament konfuża u ma stajtx nemmen. Dawn in-nies jafu xi tfisser? Jiena ma sibtx is-sapport fis-siegħa tal-bżonn."*

Numru ta' vittmi qed iħossuhom li r-realtà tagħhom saret il-povertà għaliex ma jistgħux jagħmlu mod ieħor, minkejja li jixtiequ jkunu indipendenti. Qed ikunu kostretti jmorru ġo xelter u jħallu kollox warajhom filwaqt li l-aggressur jista' jibqa' d-dar, iżomm id-dħul finanzjarju u jibqa' għaddej bil-ħajja ta' kuljum.

Il-vittmi barranin iridu jissorvolaw ostakli xi ftit differenti minn dawk Maltin. Hemm min jiġi mhedded mir-raġel li jekk ma tagħmilx dak li jrid hu, ikeċċihom mill-pajjiż. Filwaqt li wħud jixtiequ jmorru lura f'pajjiżhom għaliex hawnhekk m'għandhom lil ħadd, mhumiex lesti li jħallu lil uliedhom warajhom. Oħrajn stqarrew li kienu l-pulizija stess li trattawhom b'mod diskriminatorju minħabba n-nazzjonalità tagħhom.

Waħda mill-vittmi spjegat il-frustrazzjoni tagħha fuq is-sitwazzjoni tagħha, fejn filwaqt li l-aggressur għaddiha lixxa, hi qed taffaċċja l-problemi kollha waħedha:

> *"*Dan għalih sentenza sospiża mhi xejn mentri lili switli ħajti. Dik mhijiex *fair* għax jien spiċċajt mgħobbija b'żewġt itfal u hu bandiera bajda! Jien ma nistax immur naħdem u jien m'inix persuna li rrid nibbaża ruħi fuq ir-*relief*. Jien irrid nistudja u nagħti futur lill-uliedi imma f'dawn iċ-ċirkostanzi ma nistax nagħmel hekk*".*

Vittma li ħarġet tqila meta kienet għadha l-iskola saħqet ħafna fuq l-edukazzjoni li għandha tingħata minn eta' żgħira, u possibilment minn persuni li ġarrbu ċertu sitwazzjonijiet, u mhux minn *counsellors*:

> "Nies bħali li huma mġarrbin, jekk hu possibbli, għandhom ikunu huma li jitkellmu mat-tfal għax inutli tmur *counsellor* biex tagħti l-opinjonijiet tagħha.... Jiena naħseb li min hu mġarrab l-iktar li jista' jitkellem. Pereżempju jiena kont nitkellem ma' *counsellors* imma ma kontx ngħidilhom l-istorja mija fil-mija peress li kont nibża' mill-*partner* tiegħi. Jiena nemmen li min hu mġarrab l-iktar li jista' jitkellem għaliex jista' jagħti l-esperjenza tiegħu u jgħid lil dawn it-tfal li m'għandhomx jafdaw u li mhux

għax jaraw l-ewwel raġel li jista' jagħtihom naqra attenzjoni allura jgħaddi kollox għalihom."

### *3.1 Il-Perspettiva tal-vittmi irġiel*

Is-Sur Charles Aquilina, President tal-Assoċjazzjoni għad-Drittijiet tal-Irġiel ta perspettiva differenti fuq il-vjolenza domestika – il-perspettiva tal-irġiel li jisfaw vittmi. Qal illi hu jkollu bejn 2 u 3 telefonati kuljum mingħand vittmi rġiel u spjega kif il-maġġoranza tal-irġiel ma jurux minn xiex ikunu għaddejjin għax ikunu jridu jżommu ħajja normali. Hu spjega kif it-tip ta' vjolenza domestika li jgħaddu minnha l-irġiel hija differenti minn dik li jsofru n-nisa. Ta numru ta' eżempji ta' vjolenza li jgħaddu minnha l-irġiel:

- in-nisa ma jgħaddulhomx l-ittri li jirċievu d-dar;
- l-aggressur mara issabbat u tgara l-affarijiet;
- it-tfal jiġu mxewxa kontrihom;
- tgħajjir, diskors dispreġġattiv u malafamanti, inkluż tgħajjir fuq id-difetti fiżiċi tar-raġel;
- feriment gravi jew sfreġju;
- vjolenza sesswali.

Ħafna rġiel ma jkunux iridu jmorru jagħmlu rapport għand il-Pulizija għax jibżgħu li jiġu ridikolati. F'ċertu każijiet ħafna rġiel iħossuhom li ma jistgħu jagħmlu xejn ħlief li jibqgħu kwieti d-dar u jagħtu l-paga lill-mara sabiex ma jkissrux iż-żwieġ:

"L-irġiel iħossuhom li m'għadhomx milqugħin aktar f'darhom. Ikun hemm min jgħidli li huwa tajjeb biss biex jagħtiha kull sold li jkollu u li mbagħad lanqas platt sħun ma jsib lest!"

Issemmew ukoll każijiet fejn in-nisa jgħajru b'mod kontinwu lill-irġiel tagħhom li għandhom xi forma ta' diżabilità u jgħidulhom li m'għandhomx x'jambuhom.

Fil-15 ta' Ġunju deher artiklu f'gazzetta illi tratta l-problemi li jiffaċċjaw il-vittmi rġiel. Vittma partikolari li ġie intervistat spjega kif iż-żwieġ tiegħu kien ilu li spiċċa u sofra vjolenza u umiljazzjoni pero' ma telaqx għax beża' li jitlef il-kustodja tat-tfal u li n-nies jaħsbu li hu kien l-aggressur minflok il-vittma. Hu spjega illi kieku telaq mid-dar, in-nies kienu jiġġudikawh u jgħidu li abbanduna lill-familja tiegħu minflok jissimpatizzaw miegħu minħabba l-affarijiet li kellu jgħaddi minnhom.

## <u>**4. Protezzjoni internazzjonali**</u>

### *4.1 Il-Konvenzjoni ta' Istanbul*

Il-Konvenzjoni ta' Istanbul ġiet iffirmata minn Malta f'Mejju tal-2012. Fis-17 ta' Ġunju 2014 daħal fis-seħħ l-Att tal-2014 dwar ir-Ratifika tal-Konvenzjoni tal-Kunsill tal-Ewropa dwar il-Prevenzjoni u l-Ġlieda kontra l-Vjolenza fir-rigward tan-Nisa u l-Vjolenza Domestika, liema Att jippermetti li Malta tirratifika l-Konvenzjoni ta' Istanbul.

Din il-konvenzjoni ġiet ratifikata min-numru ta' pajjiżi li kien rikjest u għaldaqstant se tkun qed tidħol fis-seħħ fl-1 ta' Awissu 2014. Ladarba tidħol fis-seħħ se jkun hemm mekkaniżmu, imsejjaħ GREVIO, sabiex jara li l-istati membri jkunu qed josservaw l-obbligi li timponi fuqhom l-istess konvenzjoni. Minbarra informazzjoni li tingħata mill-Gvern u dak li jinġabar minn organizzjonijiet volontarji, il-Parlament nazzjonali se jkun mistieden jagħti sehmu f'dan il-monitoraġġ.

Fost ħafna affarijiet li tesiġi din il-Konvenzjoni, hemm il-politika ta' kooperazzjoni bejn numru ta' aġenziji. Hemm numru ta' pajjiżi fejn il-kooperazzjoni bejn il-pulizija, il-ġudikatura, l-organizzazzjonijiet volontarji, l-aġenziji tal-familji u entitajiet oħra wasslet għal riżultati aħjar. Din il-kooperazzjoni trid tkun ibbażata fuq linja gwida u protokolli, u mhux biss fuq ir-rieda tajba tal-individwi konċernati.

Dan ir-rapport inbeda meta l-konvenzjoni kienet għadha ma ġietx irratifikata minn Malta. Saret ħafna ħidma biex Malta tkun tista' tirratifika l-konvenzjoni, u se jkompli jsir iktar xogħol biex inkunu konformi mar-rekwiżiti tal-istess konvenzjoni. Il-Kumitat, permezz ta' dan ir-rapport, ser ikun qed jagħmel numru ta' rakkomandazzjonijiet li ser iwasslu biex Malta tkompli ddaħħal il-miżuri meħtieġa biex issir konformi mal-artikli tal-konvenzjoni.

### *4.2 Ordnijiet ta' Protezzjoni*

L-Unjoni Ewropea għaddejja b'ħidma sabiex tagħti l-iktar protezzjoni possibbli lill-vittmi tal-vjolenza, inklużi dawk tal-vjolenza domestika. Fl-2011 saret direttiva (2011/99/EU) li ġabet fis-seħħ l-Ordni ta' Protezzjoni Ewropea. Din id-direttiva tgħid illi l-ordnijiet ta' protezzjoni li jingħataw minn Stat Membru f'każijiet kriminali, għandhom ikunu effettivi fl-iStati Membri l-oħra sabiex il-vittma tingħata protezzjoni xierqa fl-Ewropa kollha.

Din il-miżura issa ġiet estiża wkoll għal każijiet ċivili permezz tar-Regolament 606/2013 li ġie adottat din is-sena. Permezz tiegħu, vittmi ta' vjolenza domestika li jingħataw ordni ta' protezzjoni mill-Qorti Maltija, se jkunu jistgħu jgawdu minn dik il-protezzjoni fil-pajjiżi kollha tal-Unjoni Ewropea.

Id-Direttriċi tal-*Victim Support Malta* spjegat kif numru ta' pajjiżi fl-Unjoni Ewropea għandhom tip ta' ordni ta' protezzjoni magħruf bħala *Emergency Barring Order*, li huwa wieħed mir-rekwiżiti tal-Konvenzjoni ta' Istanbul. B'din it-tip ta' ordni, f'każ ta' periklu, l-aggressur jista' jitneħħa mid-dar u jiġi pprojbit milli jmur lura d-dar u milli jikkuntattja lill-vittma. Dan isir sabiex tiġi żgurata s-sigurtà tal-vittmi u ta' xi tfal li jista' jkun hemm.

### 4.3 *Intervention Centres*

Iktar 'il fuq issemmiet diversi drabi l-idea ta' tim multi-dixxiplinarju li jkun jista' jagħti servizz lill-vittmi ta' vjolenza domestika. Din l-idea, li diġà' ġiet attwata f'numru ta' pajjiżi, hija rekwiżit tal-Konvenzjoni ta' Istanbul u ssemmiet ukoll waqt laqgħa tal-Kumitat mis-Sinj. Grace Gatt. Ftit ġimgħat ilu, ġie mniedi ċentru simili fl-isptar Mater Dei sabiex jitratta l-każijiet ta' abbuż sesswali.

Hemm ħafna pajjiżi li wżaw forom differenti ta' din l-idea ta' tim multi-dixxiplinarju, fosthom l-Awstrija, il-Latvia, il-Bulgarija, il-Ġermanja, ir-Renju Unit, l-Amerka, il-Kanada u l-Awstralja. Uħud minn dawn il-pajjiżi mxew b'sistema ta' *Intervention Centre* li fih vittma ta' vjolenza domestika ssib is-servizzi kollha li jkollha bżonn fil-ħin li telqet mid-dar, inkluż dak ta' pulizija, tabib u ħaddiem soċjali, fost oħrajn. Uħud minn dawn iċ-ċentri joffru anki xelter ta' emerġenza sakemm jinstab post f'xelter ieħor għall-vittma.

Fl-Awstrija, meta pulizija joħroġ *Emergency Barring Order*, jinnotifika liċ-ċentru u jagħtihom id-dettalji tal-intervent tiegħu. Iċ-ċentru, min-naħa tiegħu, jikkuntattja lill-vittma biex jagħti sapport u jikkoordina l-organizzazzjonijiet differenti li jkun hemm bżonn is-servizzi tagħhom. Dan ifisser li vittma se tingħata s-servizzi kollha meħtieġa mingħajr il-bżonn li titlobhom. Sal-2011 il-liġi tal-Awstrija kienet ispirat iktar minn nofs l-Istati Membri tal-Unjoni Ewropea biex jadottaw miżuri simili.

F'Perth, l-Awstralja, jeżisti servizz magħmul mid-Dipartiment għall-Protezzjoni tat-Tfal u tal-Familja, il-Pulizija u organizzazzjonijiet li joffru servizzi relatati ma' vjolenza domestika. Permezz ta' dan is-servizz isir intervent bla dewmien ma' vittma li tkun għamlet rapport lill-pulizija, isir "*risk assessment*" komuni u jingħataw is-servizzi li jkun hemm bżonn.

Fil-Bulgarija hemm in-*Nadja Centre Foundation* li tipprovdi għajnuna għal nisa vittmi ta' vjolenza. F'dan iċ-ċentru jkun hemm speċjalisti differenti, inkluż tobba, avukati, ħaddiema soċjali u psikologi. Fil-Latvia jeżisti servizz ta' intervenzjoni li jaħdem erbgħa u għoxrin siegħa kuljum. F'dan il-każ il-vittmi jistgħu jċemplu jew imorru fiċ-ċentru għall-għajnuna u hemmhekk isibu kooperazzjoni mal-pulizija, sptarijiet, servizzi soċjali kif ukoll għajnuna psikoloġika.

F'każijiet iktar serji jeżisti programm jismu MARAC, imħaddem fir-Renju Unit, fejn numru ta' organizzazzjonijiet jikkoordinaw bejniethom biex joffru servizzi lil vittmi li huma "*high risk*" u li kienu soġġetti għal vjolenza severa u ripetuta sabiex joffrulhom sapport intensiv. Il-MARAC saħansitra jipprovdi lill-vittmi ta' vjolenza domestika b'*link* diretta mit-telefon ċellulari tagħhom għall-awtorità konċernata. Dan in-numru ma jiġix irreklamat. Sistema simili tal-MARAC ġiet pilotata anki fi Vjenna fl-2011.

## 5. Rakkomandazzjonijiet

Il-Kumitat sema' diversi entitajiet u persuni sabiex jieħu stampa ċara ta' kif qed jiġu offruti u perċepiti s-servizzi relatati mal-vjolenza domestika. Għamel ukoll riċerka biex jara liema huma s-sistemi wżati barra minn Malta li jistgħu jiġu adottati lokalment sabiex jiġi offrut servizz aħjar. Il-Kumitat Permanenti dwar l-Affarijiet Soċjali qed jipproponi li jittieħdu dawn il-miżuri u qed iniżżilhom fl-ordni ta' liema miżuri jistgħu jiġu implimentati bl-inqas finanzi u fl-iqsar żmien possibbli:

1. Il-Pulizija m'għandhomx jitolbu kwerela mingħand l-avukat f'każijiet fejn m'hemmx bżonnha.

2. Il-vittmi ta’ vjolenza domestika għandhom jiġu mistoqsija mill-pulizija jekk għandhomx xhieda li jistgħu jittellgħu fil-kawża.
3. Meta l-vittma tmur tagħmel ir-rapport tagħha lill-Pulizija, għandha dejjem tiġi mistoqsija jekk kienx hemm xi xhieda li raw l-inċident iseħħ.
4. Kif joħroġ l-att ta’ akkuża, il-Pulizija għandhom joħorġu bin-notifiki mill-ewwel ħalli jkollhom biżżejjed ċans li jsibu lill-akkużat. Jekk ma jsibuhx, għandhom jikkuntattjaw lill-vittma sabiex tiggwidahom fuq fejn jistgħu jsibu lill-akkużat.
5. Il-Pulizija għandu jkollha politika miktuba dwar l-arrest u dwar il-proviżjoni ta’ assistenza jew protezzjoni lill-vittmi ta’ vjolenza domestika.
6. Il-Pulizija għandu jkollha żmien stipulat li fih isiru l-istudji mwiegħda u l-*quiet rooms* fl-għases. Il-Kumitat għandu jiġi aġġornat bl-iżviluppi.
7. Kull għassa għandu jkollha informazzjoni dwar fejn wieħed jista’ jagħmel ilment fuq is-servizz tal-Pulizija.
8. Il-vittmi għandhom jingħataw kopja tal-att ta’ akkuża sabiex ikunu infurmati b’liema każ ikun se jinstema’ u sabiex jekk ikun hemm xi żball jilħaq jiġi kkoreġut. Dan sabiex ma jkunx hemm każijiet fejn l-akkużat jinħeles minħabba żball tekniku.
9. Il-Qorti għandha tagħmel seduta qabel ma tiddeċiedi fuq kwistjonijiet *pendente lite.*
10. Il-vittma li tkun *parte civile* f’kawża għandha tiġi nfurmata bil-possibilità li jkollha avukat tal-għajnuna legali.
11. Inqas dewmien fil-każijiet li jkunu qed jinstemgħu l-Qorti u protezzjoni għall-vittmi fil-perjodu minn meta jsir ir-rapport sa meta jinstema’ l-każ.
12. Il-Qorti għandu jkollha *sentencing policy* li tirrifletti s-serjeta’ tal-każijiet ta’ vjolenza domestika u l-periklu li jiltaqgħu miegħu l-vittmi meta l-aggressur jerġa’ jkun taħt l-istess saqaf magħhom.
13. Rakkomandazzjoni lill-membri tal-professjoni legali sabiex il-vittmi ta’ vjolenza domestika ma jkunux obbligati li jidhru quddiem il-medjatur għas-sessjonijiet ta’ medjazzjoni. In-negozjati għal separazzjoni bonarja għandhom isiru bil-kitba bejn l-avukati u l-partijiet jidhru biss dakinhar li l-medjatur jaqra l-kuntratt.
14. L-avukati għandhom jirċievu informazzjoni u taħriġ dwar l-użu tal-ordnijiet ta’ protezzjoni.
15. Il-vittmi ta’ vjolenza domestika għandu jkollhom *link* diretta mit-telefon ċellulari għall-awtorità konċernata.

16. Għandu jkun hemm sit tal-*internet* li jkun iktar *user friendly* u li jagħti informazzjoni komprensiva lill-vittmi ta' vjolenza domestika.

17. Għandu jkun hemm *printer* f'kull għassa. Il-vittma għandha tingħata kopja tar-rapport li tkun għamlet dak il-ħin stess u jkollha l-fakultà li tikkoreġi xi żbalji li jista' jkun hemm.

18. Għandu jkun hemm preżenza ta' *security guards* jew Pulizija fil-Qorti tal-Familja.

19. Studju tal-Konvenzjoni ta' Istanbul sabiex jiġu identifikati l-miżuri kollha li hemm bżonn li jiġu attwati issa li ġiet irratifikata l-istess Konvenzjoni.

20. Tiġi żviluppata "*risk assessment tool*" formali għall-ħaddiema li jiġu f'kuntatt ma' vittmi ta' vjolenza domestika. Din ir-"*risk assessment tool"* għandha tinkorpora fiha l-informazzjoni kollha li jistgħu jiġu bżonn ħaddiema minn organizzazzjonijiet differenti sabiex il-vittma ma tiġix mistoqsija l-istess affarijiet għal numru ta' drabi.

21. Sistema ta' ordnijiet ta' protezzjoni, li tinkludi l-*emergency barring order*, li jinħarġu mingħajr dewmien.

22. It-tobba għandhom jingħataw taħriġ fuq kif jidentifikaw vittmi ta' vjolenza domestika u kif jirrelataw magħhom.

23. Reviżjoni tas-sistema tal-assistenza legali sabiex ikun żgurat li l-vittmi jingħataw l-informazzjoni kollha li jkollhom bżonn u li jiġi offrut lilhom servizz b'dinjità. Dan is-servizz għandu jkun offrut minn numru ta' avukati li jaħdmu fl-uffiċċju tal-assistenza legali fuq bażi *full-time.*

24. Aċċess għal servizzi psikoloġiċi mingħajr dewmien.

25. Taħriġ iktar intensiv għall-pulizija sabiex isiru iktar sensittivi għall-vittmi li jmorru jitolbuhom l-għajnuna. Dan it-taħriġ għandu jinbeda u għandha tingħata prijorità lil dawk il-pulizija li l-iktar jiltaqgħu ma każijiet ta' vjolenza domestika.

26. Kampanja edukattiva fuq il-vjolenza domestika, li tinkludi l-ħruġ ta' *booklets* li jistgħu jitqassmu wkoll b'għajnuna mill-Kunsilli Lokali.

27. F'każijiet fejn tingħata għajnuna legali għal separazzjoni bonarja, għandha tingħata wkoll għajnuna biex jitħallas in-nutar għall-kuntratt ta' separazzjoni.

28. Id-Dipartiment tal-Familja fi ħdan l-Università ta' Malta għandu jagħmel studju approfondit fuq il-vittmi rġiel u jara jekk hemmx il-bżonn ta' xelter speċifiku għall-vittmi rġiel.

29. Id-Dipartiment tas-Sigurtà Soċjali għandu jagħti għajnuna proviżorja lil vittmi li għandhom familja sinjura u li ma jistgħux jitilqu mid-dar għax jispiċċaw b'xejn

minħabba li l-flus ikunu f'isem l-aggressur. Din it-tip ta' għajnuna tista' anki tingħata bil-kundizzjoni li l-benefiċċju jiġi rifuż meta jinqasmu l-assi.

30. Il-Gvern għandu jestendi s-servizz ta' *childcare* b'xejn billi jidħol f'arranġament max-xelters li għandhom il-faċilitajiet ta' ċentri ta' matul il-jum tat-tfal u jipprovdilhom il-finanzi li għandhom bżonn biex jiftħu u jħaddmu dawn iċ-ċentri. B'dan il-mod ikun qed jgħin lill-vittmi jerġgħu lura fid-dinja tax-xogħol filwaqt li jipprovdi ambjent sikur għat-tfal u serħan tal-moħħ għall-vittmi.

31. Twaqqif ta' *Intervention Centres* li jkollhom tim multi-dixxiplinarju dedikat u mħarreġ biex joffri l-għajnuna immedjata li jkollha bżonn vittma ta' vjolenza domestika li tkun telqet minn sitwazzjoni abbużiva. Hemm bżonn li jitwaqqfu numru żgħir ta' ċentri f'Malta u Għawdex (3 ċentri imqassmin f'Malta u wieħed f'Għawdex) sabiex joffru s-servizzi tagħhom lill-vittmi ta' kull tip ta' vjolenza domestika. F'dawn iċ-ċentri wieħed isib is-servizzi ta' tabib, pulizija, psikologu, avukat, infermiera u ħaddiema soċjali. Dan iċ-ċentru għandu jkollu anki parti żgħira fejn vittma tista' tiġi akkomodata matul il-lejl sabiex ma jkollhiex terġa' lura d-dar wara xi inċident vjolenti. Il-vittma tingħata kull għajnuna possibbli hekk kif tirrapporta l-abbuż, imbagħad tkompli tingħata l-għajnuna li jkollha bżonn, inkluż li jinstabilha post f'xelter sabiex ma tibqax issofri l-abbuż.

## Referenzi


Kumitat dwar l-Affarijiet Soċjali. Laqgħa 007. Is-16 ta' Ottubru 2013.

Kumitat dwar l-Affarijiet Soċjali. Laqgħa 003. Id-29 ta' Mejju 2014.

Kumitat dwar l-Affarijiet Soċjali. Laqgħa 004. It-2 ta' Lulju 2014.

Kumitat dwar l-Affarijiet Soċjali. Laqgħa 005. It-3 ta' Lulju 2014.

Kumitat dwar l-Affarijiet Soċjali. Laqgħa 006. Is-16 ta' Lulju 2014.

Kumitat dwar l-Affarijiet Soċjali. Laqgħa informali. Is-17 ta' Lulju 2014.

Kumitat dwar l-Affarijiet Soċjali. Laqgħa 011. Is-6 ta' Novembru 2014.

Kumitat dwar l-Affarijiet Soċjali. Laqgħa 012. Is-27 ta' Novembru 2014.

Kumitat dwar l-Affarijiet Soċjali. Laqgħa 013. It-2 ta' Diċembru 2014.

Kumitat dwar l-Affarijiet Soċjali. Laqgħa 015. Il-11 ta' Diċembru 2014.

The Sunday Times. Sarah Carabott. Domestic violence: male victim tells of wife's abuse. Il-15 ta' Ġunju 2014.

DOI. Stqarrija mill- Ministru għad-Djalogu Soċjali, Affarijiet tal-Konsumatur u Libertajiet Ċivili, Dott. Helena Dalli. PR2640. Is-26 ta' Novembru 2013.

Charles Dean, Richard Lumb, Kevin M. Proctor, James Klopovic. Police/Social Work Partnership Programs – A brief overview.

Liz Kelly, Carol Hagemann-White, Thomas Meysen, Renee Romkens. Realising Rights. Case studies on state responses to violence against women and children in Europe. 2011

MARAC. Richmond Domestic Abuse Forum Information Sharing Protocol for the Multi Agency Risk Assessment Conference. Settembru 2010.

Police Circular No. 55/07 with regards to procedure in handling cases of domestic violence. http://eige.europa.eu/print/4732.

Department for Child Protection and Family Support, Western Australia Police and specialist family and domestic violence service providers. Family and Domestic Violence Response Team – Operating Procedures. http://www.dcp.wa.gov.au/CrisisAndEmergency/FDV/Documents/FDVRT%20Operating%20Procedures.pdf

Western Australia Police.
http://www.police.wa.gov.au/Yoursafety/Familyviolence/tabid/895/Default.aspx

Women's Council for Domestic and Family Violence Services.
www.womenscouncil.com.au/get-help.html

Euronews. Europe's "most advanced" treaty against domestic violence to come into force in early 2014.
http://www.euronews.com/2013/04/15/web-europe-s-most-advanced-treaty-against-domestic-violence-2014/

European Commission. Press Releases Database. MEMO/13/449.
http://europa.eu/rapid/press-release_MEMO-13-449_en.htm

New Jersey Division of Criminal Justice. Handling a Domestic Violence Call. In-Service Training for Police Dispatchers. http://www.njpdresources.org/dom-violence/dv-dispatcher-stud.pdf

Women's Aid until women & children are safe. Good practice guidelines.
http://www.womensaid.org.uk/page.asp?section=0001000100100004000200002

Women's Aid until women & children are safe. Survivors' handbook.
http://www.womensaid.org.uk/domestic-violence-survivors-handbook.asp?section=000100010008000100330001

Refuge for Women and Children against Domestic Violence. http://refuge.org.uk/what-we-do/our-services/

Essex Police. www.essex.police.uk

The Umbrella Centre for Domestic Violence Services. Connecticut.
http://www.bhcare.org/page/16596--Center-for-Domestic-Violence-Services

Associazione Artemisia. Italy. www.artemisiacentroantiviolenza.it

Society Skalbes. Latvia. www.skalbes.lv

Nadja Centre. Bulgaria. www.centrenadja.hit.bg